31969R2602

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 2602/69 TAL-KUNSILL
tat-18 ta' Diċembru 1969
dwar iż-żamma tal-proċedura tal-Kumitat ta' Ġestjoni

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea;

Wara li kkunsidra Regolament Nru 23 ([1]) dwar l-istabbiliment progressiv ta' organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u ħxejjex, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2512/69, ([2]) u partikolarment l-Artikolu 15 tiegħu;

Wara li kkunsidra Regolament Nru 24 ([3]) dwar l-istabbiliment progressiv ta' organizazzjoni komuni tas-suq fl-inbid, kif emendat bir-Regolament Nru 92/63/KEE, ([4]) u partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu;

Wara li kkunsidraw Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 136/66/KEE ([5]) tat-22 ta' Settembru 1966 dwar it-twaqif ta' organizzazjoni komuni tas-suq fiż-żjut u xaħam, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2146/68, ([6]) u partikolarment l-Artikolu 40 tiegħu;

Wara li kkunsidraw Regolament tal-Kunsill Nru 120/67/KEE ([7]) tat-13 ta' Ġunju 1967 dwar l-organizzazjoni komuni tas-suq ta' ċereali, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2463/69 ([8]) u partikolarment l-Artikolu 28 tiegħu;

Wara li kkunsidraw Regolament tal-Kunsill Nru 121/67 ([9]) KEE tat- 13 ta' Ġunju 1967 dwar l-organizzazjoni komuni tas-suq tal-majjal, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2463/69 u partikolarment l-Artikolu 26 tiegħu;

([1]) ĠU Ċ 30, 20.4.1962, p. 965/62.
([2]) ĠU L 318, 18.12.1969, p. 4.
([3]) ĠU Ċ 30, 20.4.1962, p. 989/62.
([4]) ĠU Ċ 125, 17.8.1963, p. 2239/63.
([5]) ĠU Ċ 172, 30.9.1966, p. 3025/66.
([6]) ĠU L 314, 31.12.1968, p. 1.
([7]) ĠU Ċ 117, 19.6.1967, p. 2269/67.
([8]) ĠU L 312, 12.12.1969, p. 3.
([9]) ĠU Ċ 117, 19.6.1967, p. 2283/67.

Wara li kkunsidraw Regolament tal-Kunsill Nru 122/67 ([10]) KEE tat- 13 ta' Ġunju 1967 dwar l-organizzazjoni komuni tas-suq tal-bajd, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 830/68 ([11]) u partikolarment l-Artikolu 19 tiegħu;

Wara li kkunsidraw Regolament tal-Kunsill Nru 123/67/KEE ([12]) tat-13 ta' Ġunju 1967 dwar l-organizzazjoni komuni tas-suq tal-laħam tat-tjur, u partikolarment l-Artikolu 19 tiegħu;

Wara li kkunsidraw Regolament tal-Kunsill Nru 359/67 ([13]) KEE tal-25 ta' Lulju 1967 dwar l-organizzazjoni komuni tas-suq tar-ross, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2463/69 u partikolarment l-Artikolu 28 tiegħu;

Wara li kkunsidraw Regolament tal-Kunsill Nru 1009/67/KEE ([14]) tat-18 ta' Diċembru 1967 dwar l-organizzazjoni komuni tas-suq taz-zokkor, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2485/69, ([15]) u partikolarment l-Artikolu 42 tiegħu;

Wara li kkunsidraw Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 234/68 ([16]) tas-27 ta' Frar 1968 dwar il-waqfien ta' organizzazzjoni komuni tas-suq f'siġar ħajjin u pjanti oħrajn, basal tal-fjuri, egħruq u xort'oħra bħalhom, fjuri maqtugħin u weraq ornamentali, u partikolament l-Artikolu 16 tiegħu;

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 ([17]) tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni kommuni tas-suq fil ħalib u ħalib prodotti, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2463/69, u partikolarment l-Artikolu 32 tiegħu;

([10]) ĠU L 151, 30.6.1968, p. 23.
([11]) ĠU Ċ 117, 19.6.1967, p. 2301/67.
([12]) ĠU Ċ 174, 31.7.1967, p. 1.
([13]) ĠU Ċ 308, 18.12.1967, p. 1.
([14]) ĠU L 55, 2.3.1968, p. 1.
([15]) ĠU L 148, 28.6.1968, p. 13.
([16]) ĠU L 148, 28.6.1968, p. 24.
([17]) ĠU L 153, 1.7.1968, p. 8.

Wara li kkunsidraw Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 ([1]) tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazjoni komuni tas-suq tal-ċanga u vitella, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2463/69 u partikolarment l-Artikolu 29 tiegħu;

Wara li kkunsidraw Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 865/68 ([2]) tas-28 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazjoni komuni tas-suq tal-prodotti proċessati minn frott u ħxejjex, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2463/69 u partikolarment l-Artikolu 17 tiegħu;

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew;

Billi l-Artikoli hawn fuq imsemmija jipprovdu li fl-aħħar tal-perjodu transitorju l-Kunsill, waqt li jaġixxi skond il-proċedura ta' votazzjoni stabbilita fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat fuq proposta mill-Kummisjoni ser jiddeċiedi fid-dawl ta' esperjenza jekk hux ser iżomm jew jekk hux ser jemenda d-dispożizzjonijiet dwar il-proċedura tal-Kumitat ta' Ġestjoni;

Billi l-esperjenza wriet li huwa mixtieq li tinżamm dik il-proċedura anke wara l-perjodu transitorju;

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura li għandha tiġi segwita mill-Kumitati ta' Ġestjoni fis-setturi diversi tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli ser tinżamm wara l-iskadenza tal-perjodu transitorju msemmi fl-Artikolu 8 tat-Trattat.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament ser jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1970.

Dan ir-Regolament ser ikun jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul Brussel, fit-18 ta' Diċembru 1969.

Għall-Kunsill

Il-President

P. LARDINOIS

([1]) ĠU L 148, 28.6.1968, p. 24.
([2]) ĠU L 153, 1.7.1968, p. 8.